# IL-KEBBIES TAL-FANALI F'WIED IL-GĦAJN

**George Cilia**

Fis-snin tletin, aħna konna familja minn dawk villeġġanti f'Wied il-Għajn. Kellna b'kera daqsxejn ta' terran fix-Xatt quddiem il-pont fejn inqattgħu ix-xhur tas-sajf. Hekk kif kienu jibdew il-vakanzi ta' l-iskejjel, tal-karrozzin kien jiġi għalina bħas-soltu fil-pjazza tal-Birgu u jwassalna sa Wied il-Għajn. Magħna konna nieħdu l-affarijiet l-aktar meħtieġa għall-ħajja ta' kuljum.

**Wied il-Għajn fis-sajf** Dak iż-żmien hemm kien għadu ma wasalx id-dawl elettriku u konna nużaw il-lampi tal-pitrolju jew tal-*mantle* għad-dawl fid-dar u fit-triq. Għall-ilma l-istess; konna nimlew il-bramel minn fuq l-għajn ta' ħdejn il-pont. Ħwienet ftit li xejn kien hemm u ma kontx issib kulma trid, imma kienu jiġu dawk tal-karrettuni bil-ħaxix, frott, pitrolju, silġ u ħobż, kollha bil-għajta tagħhom biex javżaw li waslu u n-nies joħorġu jixtru. Wara nofsinhar kien jasal tal-ġelati jew tal-granita bil-bziezen armati fuq karrettun miġbud minn ħmar.

Fil-festa ta' Sant' Anna kien jasal tal-kaxxa tad-daqq jew terramaġika, mżejna bil-figurini u bnadar iddoqq mużika popolari u taż-żfin,. miġbuda wkoll minn ħmar, filwaqt li t-tfal jinġabru mgħaġġba madwaru. Is-sidien tad-dgħajjes kienu jixegħlu blalen tal-karti bix-xemgħa fihom biex iżejnu 'l bajja bid-dwal iteptpu, u kulħadd igawdi l-baħar, il-frott abbundanti bħal bajtar tax-xewk, bettieħ u dulliegħ. B'xi dulliegħa żgħira konna nagħmlu fanal bix-xemgħa fih, u bis-salib ta' San Ġwann maqtugħ disinn fil-ġenb.

**Il-fanali tat-toroq u tan-niċeċ.** Id-dawl mhux biss isebbaħ imma wkoll hemm bżonnu fid-dalma, għalhekk kien hemm l-obbligu sa minn żmien il-Kavallieri li jinxtegħlu l-fanali fit-toroq. Fis-snin tletin, il-gvern kien iħallas lin-nies biex jixegħluhom filgħaxija u jitfuhom filgħodu. F'Wied il-Għajn konna naraw lil dawn l-irġiel għaddejjin jgħaġġlu bis-sellum fuq spallithom biex ilaħħqu max-xogħol.

Grezzju kien wieħed minn dawn. Meta jsirlu l-ħin kien joħroġ bis-sellum, biċċa ċarruta ratba biex inaddaf it-tubu tal-ħġieġ u landa pitrolju. Sajf u xitwa, bnazzi jew maltemp sħana jew bard, filgħodu kien jerġa' jgħaddi biex jitfihom. Grezzju kien drana lilna għax eżattament quddiemna kien hemm il-fanal ta' fuq il-pont. Kien ġuvni jgħix waħdu fit-triq li tagħti għal Ħaż-Żabbar ftit 'il fuq min-niċċa tal-Kurċifiss li tagħha wkioll kien jieħu ħsieb il-fanal. Spiss kien jieqaf ikellimna u tista' tgħid li sirna ħbieb. Kien bniedem risponsabbli, sa dawra anki bil-lejl kien jagħmel biex jara li l-fanali kollha baqgħu mixgħulin. Il-pulizija tar-ronda, jekk jaraw xi fanal mitfi kienu jagħmlulu rapport.

**Il-kebbies tal-fanali fil-Milied.** Fiż-żmien tal-Milied Grezzju kien jaqla' xi sold iżjed għax is-sinjuri kienu jqabbduh jixgħel il-fanali tan-niċeċ tagħhom mill-bidu tan-novena tal-Milied sa l-Epifanija. Qabel ma nxtered id-dawl elettriku ma' kullimkien, għall-festi il-mixegħla kienet tkun bit-tazzi taż-żejt mal-faċċata tal-knisja, piramidi fit-toroq u pavaljuni. Il-kappillan kien iqabbad lil Grezzju jieħu ħsieb dawn ukoll, kemm fil-festa titulari u oħrajn primarji, kif ukoll fil-Milied u fil-Għid il-Kbir. Każini u għaqdiet kienu jordnaw fjakkolata, jiġifieri mixegħla bil-fjakkoli fuq il-bjut jew bħal ta' postijiet oħrajn, fuq is-swar. Lil Grezzju ta' Wied il-Għajn kienu jafdawh kullimkien. Sakemm wasal id-dawl elettriku f'Wied il-Għajn fl-1950, il-kebbiesa kienu għadhom attivi.

Issa dan il-post sar turistiku, mimli lukandi, restoranti u vilel, bankijiet, brazzi artistiċi bid-dawl elettriku, post miżgħud bin-nies. Spiċċa l-ambjent kwiet tal-fanali tal-pitrolju, l-għajn ta' l-ilma, dawk tat-terramaġika, tal-ġelat u tal-bexxiexa. Kieku Grezzju tal-Fanali għadu magħna llum kien żgur jitpaxxa fil-festi u fil-Milied jara dak id-dawl kollu li b'għafsa ta' buttuna waħda Wied il-Għajn jinbidel f'ħuġġieġa waħdaFlus